**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 47 – Il-ĦAMIS 9 TA' ĠUNJU 2022**

Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. b'mod virtwali minħabba l-pandemija u każ ta' persuna vulnerabbli.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier (assenti b'apoloġija) |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**47.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

47.1.1 Ittra ta' apoloġija mill-Kunsillier Bernice Farrugia minħabba mpenji ta' xogħol. Il-Kunsill approva unanimamet biex il-Kunsillier Farrugia tkun skużata mis-seduta.

**47.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

47.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (46) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

47.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 47.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

47.3.1 Ma kienx hemm.

## 47.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

47.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras tkellem dwar attività oħra soċjali li ser tiġi organizzata għal Jum il-Missier biex permezz ta' dawn l-attivitajiet il-Kunsill ikun qed joħloq *community engagement* li tant hu meħtieġ biex insaħħu r-relazzjoni mall-komunità tal-Iklin. B'dan il-mod il-Kunsill jista jwessa ċ-ċirku ta' parteċipazzjoni anke permezz ta' attivitajiet oħra kulturali, edukattivi u dawk sportivi biex insaħħu l-iżvilupp ta' din il-komunità u fejn ir-resident ikollu sens ta' appartenenza lejn il-lokal.

## 47.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI.

47.5.1 Ma kienx hemm.

## 47.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

47.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn l-10 ta' Mejju u s-7 ta' Ġunju 2022 kif jidher fid-dokument A u B.

47.6.2 Il-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 956/22. Komunikazzjoni mill-Kunsill Reġjonali Lvant dwar komunikazzjoni rigward l-MoU 'Ħaxix Selvaġġ Bejn L-Assoċjazzjoni Tan-Naħħala Malta u l-Kunsilli Lokali'.

Il-Ġimgħa 20 ta' Mejju hi 'World Bee Day', u għaldaqstant tajjeb li l-Kunsill jeduka u jippromwovi l-Memorandum ta' Ftehim li l-Kunsill Lokali L-Iklin qed jieħu sehem fih rigward it-tneħħija tal-ħaxix selvaġġ mill-passaġġi rurali.

47.6.3 Il-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1001/22. Komunikazzjoni mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar mistoqsija Parlamentari 981 li tittratta dwar il-programmi sportivi tal-Pilates, Yoga, Keep-Fit fil-lokalitaijiet.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Uffiċċju Amministrattiv ikun pront iwieġeb dawn il-mistoqsijiet peress li jkun hemm marbut magħhom deadlines.

47.6.4 Il-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 906/22. Komunikazzjoni mill-Uffiċċju tal-Onor. Segretarju Parlamentari Zerafa Civelli fejn il-Kunsill ġie infurmat li s-sezzjoni tal-komunikazzjoni u l-*marketing*, jixtieqi jesponu l-ħidma tal-Kunsilli Lokali għax tassew jemmnu li l-ħidma tal-Kunsill hija importanti għal dan id-dekasteru. L-għan tas-Segretarjat hu li jaħdem id f'id bejn il-Gvern Ċentrali u l-Kunsilli Lokali.

Is-Segretarjat qed jitlob il-koperazzjoni sħiħa tal-Kunsill biex sa minn tal-inqas sitt ġimgħat qabel kull attività li tigi varata, jkunu jistgħu iniżżlu dawn l-attivitajiet fil-kalendarju tal-Gvern. Is-Segretarjat ser ikun qed joffri l-mezzi tal-midja u l-promozzjoni li huma diġa disponibbli għas-Segretarjat, sabiex jaċċerta li jesponi kemm jista' jkun l-attivitajiet u x-xogħol siewi li jkun qed isir mill-Kunsilli Lokali.

Fl-aħħarnett, is-Segretarjat ħeġġeġ lill-Kunsilli biex ngħaddu materjal promozzjonali ta' attivitajiet u avviżi importanti tal-Kunsilli Lokali sabiex jgħinu nwasslu l-messaġġ permezz tal-paġna uffiċċjali tal-Gvern Lokali https://www.facebook.com/gvernlokaligovmt

**COMPLAINTS SHEET (10 May - 7 June 2022 )**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 71 | 13/05/2022 | Ħamrija mitluqa fuq il-bankina quddiem nru. 1, Triq Mons P P Saydon. | settled | Triq Mons P P Saydon | **Contractor** |
| 72 | 14/050/2022 | Talba biex tinkines Triq Dwardu Cachia. | settled | Triq D Cachia | **Contractor** |
| 73 | 17/05/2022 | Ilment li Triq il-Luq trid tindifa mill-ħaxix. | settled | Triq Luq | **Contractor** |
| 74 | 17/05/2022 | Bozza mitfija mall-ħajt 4, Triq il-Klin | Pending | Triq Klin | **Contractor** |
| 75 | 17/05/2022 | Ilment li l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart qed igezzez il-boroż qabel u jħalli warajh ħafna ħmieġ wara l-organic waste. | settled | Triq K Vassallo | **Contractor** |
| 76 | 23/05/2022 | Ilment fuq imbarazz fi Trejqet il-Poeti | pending | Trejqet il-Poeti | **COMMUNITY POLICE** |
| 77 | 23/05/2022 | Ħaxix kiber ħafna, qed jinblokka il-garaxx | settled | Wesgħa JB Scicluna | **Council** |
| 78 | 26/05/2022 | Rapport dwar kaptelli tal-GO li qed jiċċaqilqu fi Triq G Curmi c/w Triq S Erardi | settled | Triq G Curmi c/w Triq S Erardi | **GO** |
| 79 | 27/05/2022 | Rapport dwar riħa qawwija mill-impjant tal-Bitmac | Pending | Triq il-Ħwawar | **ERA** |
| 80 | 27/05/2022 | Rapport dwar riħa qawwija mill-impjant tal-Bitmac | Pending | Triq il-Ħwawar | **ERA** |
| 81 | 27/05/2022 | Rapport fuq ħaxix mhux maqtugħ ħdejn il-bankijiet ftit 'il fuq min Triq E. S. Inglott | Pending | Triq Ħal-Għargħur | **Council** |
| 82 | 27/05/2022 | Rapport fuq bozoz ma jixgħelux f Triq Ħal Għargħur kollha sa Triq tal-Balal. | Pending | Triq Ħal-Għargħur | **Enemalta** |
| 83 | 27/05/02022 | Rapport dwar nuqqas t'arbli tad-dawl fi Triq Ħal Għargħur ħdejn il-bankijiet. Hemm ħafna dlam. | Pending | Triq Ħal-Għargħur | **Council** |
| 84 | 27/05/2022 | Rapport fuq parkeġġ bla permess fuq Keep clear u yellow lines fi Triq May Butcher. | Pending | Triq May Butcher | **Council** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 85 | 27/05/2022 | Din ir-residenta li toqgħod fi Triq May Butcher għandha 'Keep Clear bay' quddiem ir-residenza u Reserved parking għall-persuna bi bżonnijiet speċjali biex tiġi rilokata quddiem ir-residenza tagħha. | Pending | Triq May Butcher | **Council** |
| 86 | 27/05/2022 | Talba biex it-toroq Triq Ġużè' Pesci u Triq PA Cuschieri jinqalbu i.e. Triq PA Cuschieri tidħol minnha u Triq Ġ Pesci toħroġ minnha. Ir-raġuni hi li meta toħroġ minn Triq PA Cuschieri, tara l-vetturi viċin tiegħek li telgħin minn Triq ES Inglott. | Pending | Triq P.A. Cuschieri/Triq Ġużè' Pesci | **Council** |
| 87 | 28/05/2022 | Bozza mitfija mall-ħajt 75, Triq Ċensu Busuttil | Pending | Triq Censu Busuttil | **Contractor** |
| 88 | 28/05/2022 | Saret pjanċa tal-ħadid fuq culvert fi Triq il-Wied. Qed tagħmel ħafna storbju. | Settled | Triq il-Wied | **Public Works** |
| 89 | 30/05/2022 | Talba għal tneħħija ta' parkeġġ ta' mutur u minflok isir ta' vettura | Pending | Triq Ġużeppi Callejja | **Council** |
| 90 | 30/05/2022 | Tarmak mal-faccata meta saru x-xogholijiet tat-triq | closed | Triq il-Wied | **Council** |
| 91 | 30/05/2022 | Fi Triq Geronimo Abos hemm garaxx ma' jintuza u d-drive in tieghu kollha haxix u mbarazz | Pending | Triq Geronimo Abos | **Contractor** |
| 92 | 31/05/2022 | Ammont ta' garbage bags fi Triq il-Ħwawar. | Settled | Trejqa fi Triq il-Ħwawar | **Council** |
| 93 | 31/05/2022 | Ilment fuq sewqan eċċessiv fi Triq il-Wied, suġġeriment ta' speed camers. | Pending | Triq il-Wied | **Council** |
| 94 | 31/05/2022 | Ilment dwar siġar ħerġin minn propjetajiet għal fuq il-bankina fi Triq il-Wied. | Pending | Triq il-Wied | **Council** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 95 | 01/06/2022 | Makkinarju goff qed jagħmel ħsara fil-bankina. Biex isiru l-bollards. | Pending | 6, Triq Ġ. Bonnici | **Council** |
| 96 | 01/06/2022 | Talba biex jiżdied id-dawl fl-ispazju miftuħ fi Triq Ġ Bonnici c/w Triq Dun Karm għax hemm ħafna dlam. | Pending | 6, Triq Ġ Bonnici | **Council** |
| 97 | 01/06/2022 | Bozza tixgħel u titfi Triq Ġużè Bonnici | Pending | 6, Triq Ġ Bonnici | **Enemalta** |
| 98 | 01/06/2022 | Rapport rigward infestazzjoni ta' ġrieden fis-substation ta' Triq il-Wied | Settled | Triq il-Wied | **Sanita** |
| 99 | 06/06/2022 | Fi Trejqet il-Poeti hemm garaxx li qed iħalli l-imbarazz barra. Din is-sitwazzjoni ilha għaddejja. | pending | Trejqet il-Poeti | **POLICE** |
| 100 | 06/06/2022 | Taħt il-bandli qed jipparkjaw vetturi goffi li qed ikunu ta' periklu. | Pending | Pjazza Ninu Cremona | **POLICE** |
| 101 | 06/06/2022 | Mhux qed tinġabar il-borza s-sewda minn quddiem ħanut fi Triq iċ-Ċitru. | settled | Triq iċ-Ċitru | **R&A** |
| 102 | 06/06/2022 | Katusa u sprall miksurin quddiem 98, Triq E S Inglott, ta periklu għar-residenti. | Pending | Triq E S Inglott | **Council** |
| 103 | 06/06/2022 | 2 vilel 'il barra fi Triq Dun Karm, il-ħaxix ħareġ fuq il-bankina u trid tinżel fit-triq biex tghaddi. | Pending | Triq Dun Karm | **Council** |
| 104 | 06/06/2022 | Boroz ta ħaxix ġo Triq il-Wied ma' Triq ir- Razzett l- Aħmar | settled | Triq il-Wied c/w Triq ir-Razzett l-Aħmar | **Contractor** |
| 105 | 06/06/2022 | Siġar li qed jesporġu 'l barra mill-egħlieqi fi Triq il-Għargħur | closed - remit of San Gwann | Zarb Coaches | **Contractor** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 106 | 06/06/2022 | 3 garbage Bags kbar fi Triq Ċensu Bugeja | settled | Triq Ċensu Bugeja | **Council** |
| 107 | 06/06/2022 | Garbage u fliexken imkissrin fi Triq Għargħur | Pending | Triq Ħal Għargħur | **Contractor** |
| 108 | 06/06/2022 | Ħaxix mhux maqtugħ fin nofs ta' triq minn Triq ir-Razzett l-Aħmar c/w Triq il-Wied | Pending | Triq ir-Razzett l-Aħmar c/w Triq il-Wied | **Council** |

## 47.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

47.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

47.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Emanuel Zammit.

47.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

47.7.4 Awtorizazzjoni għal xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Kwotazzjoni għax-xiri tal-uniformijiet mingħand il-fornitur Garmo għall-prezz ta' Eur515.66c għal kull vjaġġ VAT inkluż; *Nem con*.
2. Kwotazzjoni għal xiri ta' mementos mingħand il-fornitur Sports Experience għall-prezz ta' Eur400.00 VAT inkluż. *Nem con*.
3. Kwotazzjoni għax-xiri ta' cash drawer għall-Uffiċċju mingħand il-fornitur lokali ilab għall-prezz ta' Eur105 VAT inkluż; *Nem con*.
4. Kwotazzjoni għax-xiri ta' (3) office chairs mingħand il-fornitur lokali JYSK Malta għall-prezz ta' Eur99.00 il-wieħed VAT inkluż; *Nem con*.

Is-Sindku Dott. Sciberras irċieva talba mingħand resident li jirrisiedi f'din il-lokalità biex il-Kunsill Lokali L-Iklin ikun ko-parteċipi f'pubblikazzjoni li ser joħroġ dan l-awtur li apparentament huwa residenti L-Iklin dwar il-kappelli li nsibu f'Ħal Lija u L-Iklin.

Is-Sindku Dott. Sciberras spjega li l-kappella ddedikata lil San Mikiel li tinsab fil-ġurisdizzjoni tal-Kunsill Lokali L-Iklin għandha titqies bħala patrimonju reliġjuż li għandu jiġi dokumentat f'forma ta' publikazzjoni għall-ġenerazzjonijiet futuri. Wara diskussjoni, kien hemm qbil fil-prinċipju li l-Kunsill jappoġġja din l-inizzjattiva fejn il-kontenut ta' din il-pubblikazzjoni huwa wieħed riċerkat u ta' interess kemm għar-raħal tal-Iklin u wkoll għar-raħal ġarr ta' Ħal Lija. Kien deċiż li l-Kunsill jottjeni aktar informazzjoni biex sa seduta oħra jiġi konkluż il-ftehim.

## 47.8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

47.8.1 Applikazzjoni PA 3465/22 – Triq Ġużè Galea - 'Demolition of existing residential dwellings. Excavation and construction of 7 basement garages, 1 maisonette, 7 apartments and 2 apartments with a different layout from that approved in PA05383/20.

47.8.2 Applikazzjoni PA 3469/22 – Triq il-Klin – '- To sanction internal changes to existing apartment, proposed demolition of rear external staircase and existing roof, proposed additional second, third and fourth floors and proposed alterations to dwelling at first floor including addition of lift to already approved PB5469/80.

## 47.9 POST MORTEM TAL-ATTIVITÀ ' INFIORATA' 2022.

47.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras faħħar l-edizzjoni ta' din is-sena fejn kellu l-privileġġ li jaħdem b'mod dirett flimkien mall-Kunsillieri għal din l-infiorata 2022. Kompla billi qal li s-sinerġija li kien hemm bejn il-Kunsillieri u l-amministrazzjoni tal-Kunsill kienet xi ħaġa ta' min ifaħħarha u jemmen li din l-attività annwali tista tikber jekk kemm il-darba l-Kunsill isaħħaħ ir-relazzjoni mall-komunità tal-Iklin.

Il-midja soċjali tat *boost* lill-attività u saħansitra kien hemm coverage tajjeb ħafna mit-taqsima tal-aħbarijiet

lokali. L-organizazzjoni kienet waħda tajba u d-disinn tal-infiorata kien wieħed li attira lir-residenti u lill-pubbliku inġenerali.

Dehru ħafna kummenti pożittivi fuq il-mezzi soċjali u dan għandu jinkoraġġixxi lill-Kunsill biex din l-attività tkompli tikber fis-snin li ġejjin. Il-fjura tal-petunia kienet fl-aqwa tagħha matul l-erbat ijiem li kienet esebita għall-pubbliku u r-residenti attendew bi ħġarhom lejn tmiem din l-edizzjoni biex ġabru s-sehem tagħhom.

47.9.2 Il-Kunsillier Godwin Catania ikkummenta dwar il-pjattaforma li minnha l-viżitaturi setgħu jammiraw aħjar l-infiorata fejn qal li l-kunċett kien wieħed sublimi iżda l-*workmanship* tal-pjattaforma fl-opinjoni tiegħu setgħet kienet ferm aħjar.

Is-Sindku Dott. Sciberras ikkonferma dak li kkummenta dwaru l-Kunsillier Catania u żied jgħid li l-*post mortem* huwa eżerċizzju importanti għaliex tanalizza dak kollu li sar u tittieħed nota tan-nuqqasijiet biex taħdem fuqhom għal edizzjonijiet futuri.

47.9.3 Il-Kunsillier Godwin Catania ressaq suġġeriment biex jekk is-sena d-dieħla l-Kunsill jerġa jimbarka fuq din l-attività, il-Kunsill jikkunsidra l-inklużjoni tal-ħwawar bħala parti mid-disinn li flimkien mas-sbuħija tal-fjura isebbħu u jfewwħu dan l-ispazju miftuħ.

47.9.4 Is-Sindku Dott. Sciberras żied jgħid li din l-esibizzjoni mtella fuq erbat ijiem għenet lill-Kunsill jistudja *patterns* differenti fl-immaniġġjar tat-traffiku peress li f'dan l-istadju qed isiru l-pjanijiet għar-riġenerazzjoni tal-ispazju miftuħ.

47.9.5 Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li l-Kunsill kien baqa' ma rċieva l-ebda komunikat dwar l-iskema li l-Kunsill kien applika fil-bidu tas-sena dwar finanzjament għal attivitajiet kulturali.

Kompla billi rringrazzja lill-Kunsill Reġjonali Lvant li permezz tal-Uffiċċjal responsabbli mill-Kultura kienet tkellmet għan-nom tal-Kunsill dwar l-imsemmija applikazzjoni biex naraw jekk kienx hemm żviluppi.

Però ġejt infurmat li l-Bord tal-Evalwazzjoni kienu għadhom qed jevalwaw l-applikazzjoni.

47.9.6 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo ressqet proposta biex il-Kunsill japplika għall-fondi tal-Kunsill Reġjonali Lvant għax hemm fondi maħsuba għall-proġetti kulturali.

47.9.7 Is-Sindku Dott. Sciberras ikkonkluda li l-Kunsill għandu jlaqqa' sotto-kumitat biex jibda jiltaqa b'mod regolari għall-edizzjoni 2023.

## 47.10 IMMANIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU FL-IKLIN

47.10.1 Is-Sindku Dott. Sciberras tkellem dwar xi ilmenti u suġġerimenti minn residenti li jirrisiedu fi Triq Dun Karm (service road) fejn qed jitolbu li jsir titjib fl-immaniġġjar tat-traffiku preċiżament fi Triq Ġeronimo Abos km B'Kara By-Pass minħabba li din il-*junction* hija suġġetta għall-inċidenti tat-traffiku.

Mhux biss, imma dawk li jkunu mexjin mis-*service road* li tmiss ma' B'Kara By-Pass/ Triq Dun Karm preċiżament bejn Triq Ċensu Busuttil u Triq Ġeronimo Abos. Vetturi jagħżlu li jaċċessaw mill-imsemmija *service road* biex ma jeħlux fil-By-Pass bil-konsegwenza li qed nistennew minn ħin għall-ieħor xi inċident fatali. Mhux l-ewwel darba li waslu ilmenti lill-Uffiċċju tal-Kunsill li persuna/i ntlaqtu minn vetturi wara li dawn ikunu għaddejjin bi speed eċċessiv mis-*service road*. Dan biex ma jeħlux fi traffic lights li hemm fil-By-Pass. Mhiex triq li tgħaddi bi 80 km/hr. Ftit tal-ġimgħat ilu, persuna intlaqtet minn vettura kif appena ħarġet minn stabbiliment tal-viċinanzi biex tmur għall-vettura li kienet ipparkjata fi *service road*. Il-periklu jeżisti għax hawn traskuraġni fis-sewqan u l-infurzar huwa ineżistenti partikolarment fejn jidħol speed eċċessiv.

Il-periklu qiegħed hemm kontinwu għar-residenti, għat-tfal li jmorru jitgħallmu l-arti f'din iż-żona, u l-pubbliku nġenerali li jiffrekwenta din iż-żona peress li teżisti attività kummerċjali. Sid ta' negozju iddeskriva ż-żona b'riferenza partikolari għas-*service road* li bħal donnu l-bniedem jipperċepixxi li *service road* hija triq kwieta u passaġġa mingħajr ma wieħed jirrealizza l-perikli li jeżistu.

Wara diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li għandu jiffissa appuntament mal-Awtorità dwar it-Trasport biex jiġi diskuss pjan ħolisitku biex jitjieb l-immaniġġjar tat-traffiku għas-saħħa u s-sigurtà tal-persuna. Din hija prijorità assoluta. L-ilmenti u s-suġġerimenti qed jiġu kemm mir-residenti u kemm mis-sidien tan-negozju u għaldaqstant il-Kunsill irid jindirizza bis-serjetà din il-materja.

Is-Sindku ikkonkluda li fil-frattemp, il-Kunsill se jkun qed jitkellem mal-Community Police biex jiżdied il-*foot patrol* f'din iż-żona. Kompla billi qal li l-Kunsill se jkun qed jieħu l-miżuri kollha neċessarji biex jiġi mitigat dan il-periklu.

47.10.2 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq fuq il-mejda għad-diskussjoni il-perikli li jeżistu fi Triq il-Wied. Fakkar li l-Kunsill kien tkellem mal-Aġenzija LESA, mal-Aġenzija Infrastructure Malta, u saħansitra mal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex tiġi mplimentata speed camera. Din hija l-karba tar-residenti kollha li jirrisiedu fi Triq il-Wied, u sintendi l-karba tal-Kunsill Lokali L-Iklin għaliex huwa konxju mill-fatt li minkejja li l-imsemmija triq hija deskritta bħala triq residenzjali, it-triq qed isservi wkoll bħala trakka għal min ma josservax is-sinjali tat-traffiku u l-marki tat-toroq. Il-Kunsill għad qed jistenna appuntament ma' CEO il-ġdid tal-Aġenzija Infrastructure Malta minħabba *snag list* pendenti dwar il-proġett li sar mill-Aġenzija.

Is-Sindku Dott. Sciberras kompla billi qal li jeżisti periklu imminenti minħabba overspeeding b'riferenza partikolari għall-parti fejn hemm kurva fil-parti ta' fuq ta' Triq il-Wied.

Din il-kurva hija perikoluża u fiha hemm numru ta' *concealed exits*. Sewwieqa irresponsabbli jsuqu bi speed eċċessiv u mill-informazzjoni li ksieb il-Kunsill, ġew reġistrati l-ispeed ta' 60-70 km/hr li huwa prattikament id-doppju tal-ispeed limit jiġifieri 30 km/hr.

Is-Sindku Dott. Sciberras qal li r-residenti huma kontinwament imbezza li xi vettura tidħol fil-proprjetà privata tagħhom. Peress li t-triq hija waħda residenzjali u hemm numru ta' drive-ins u garages, ir-residenti għandhom il-biża biex jaċċessaw u joħorġu mill-garages tagħhom. Sewwieqa irresponsabbli li ma josservawx il-marki tat-toroq, overtaking l-continuous white line bir-riskju ta' *head-on collision*.

Numru ta' residenti li tkellmu mall-Kunsill jgħidulek kemm il-inċident seħħ fi Triq il-Wied u fil-proprejatijiet tan-nies. L-ammont ta' traffiku li jgħaddi mill-imsemmija triq tagħmel is-sitwazzjoni aktar gravi. F'din it-triq qed nitkellmu fuq rata ta' traffiku li ssib f'awtostrada. Ftit tas-snin ilu, l-Kunsill għamel studju xjentifiku dwar kemm vetturi jgħaddu matul il-ġimgħa, fi rush hour u fil-week-ends. In-numri skont traffic count survey kienu sinjifikanti. Illum li għaddew numru ta' snin minn dan l-istudju, in-numri kibru sostanzjalment. Minkejja s-sinjali tat-traffiku, xorta waħda tara makkinarju goff għaddej minn Triq il-Wied. L-infurzar huwa ineżistenti u l-abbużi ser nibqgħu ngħixu bihom.

Is-Sindku jsostni li s-soluzzjoni tibqa l-ispeed cameras li l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta ma tridx timplimenta u qed tagħti l-parir lill-Kunsill biex minflok jiġu mplimentati *traffic calming measures*.

47.10.3 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li talba li saret lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex tiġi mplimentata traffic mirror fi Triq Tal-Balal wara talab li saret minn resident li jirrisiedi fl-imsemmija triq, il-Kunsill ġi infurmat li t-talba ma ġietx milqugħa wara li l-*expertise* tal-Awtorità għamlu l-ispezzjonijiet u analizzaw is-sitwazzjoni.

Il-Kunsill ser jinnotifika lir-resident bl-eżitu ta' din id-deċiżjoni.

## 47.11 AĠĠORNAMENT DWAR IL-PROĠETT PROPOST GĦAR-RIĠENERAZZJONI TAL-PJAZZA

47.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa lill-Kunsillieri li l-Perit kien għaddej bl-aħħar irfinar dwar il-pjanti għar-riġenerazzjoni tal-ispazju miftuħ ta' Pjazza Ninu Cremona qabel ma mmorru għall-konsultazzjoni pubblika. Is-Sindku informa li kien qed ikollu laqgħat mall-Perit tal-Kunsill fejn qed jiġi diskuss il-kunċett ta' semi-pedestrianisation, il-ħsieb ta' *underground parking* biex jikkumpensa għall-ispazju rikreattiv, *planters*, *urban greening*, u t-tip ta' pavimentar (outdoor flooring) li għandu jintuża.

Is-Sindku ikkonkluda li qed jittama li fi żmien qasir jiġi ppreżentat pjan definittiv qabel ma' l-Kunsill imur għall-konsultazzjoni pubblika.

## 47.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

47.12.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis, 7 ta' Lulju 2022 fil-5.30 p.m.

47.12.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il-Ħamis, 7 ta' Lulju 2022 fil-5.30 pm.

47.12.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.20 p.m.

| | |
|---|---|
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |